**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 10 ta' Mejju, 2023**

Numru 4

**Rikors Nru. 81/2021**

**Mario Farrugia**

**vs**

**Signal 8 Security Services Malta Limited**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell wara sentenza ta' ritrattazzjoni fejn il-Qorti tal-Appell laqghet it-talba ghat-thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Lulju 2022 limitatament fuq il-kwistjoni tal-kumpens filwaqt li l-bqija tas-sentenza tigi konfermata.

L-isfond ta' dan l-appell hu decizjoni tat-Tribunal Industrijali tat-30 ta' Lulju 2021 fejn sabet li l-appellat Mario Farrugia tkecca ingustament mill-impjieg tieghu mis-socjeta appellanti u ordna l-hlas ta' €18,520 bhala kumpens lill-appellat.

Il-Qorti mhix ser tidhol fil-mertu tal-gustifikazzjoni o meno tar-ragunijiet ta' tkeccija billi din il-kwistjoni llum ghaddiet in gudikat u tifforma stat bejn il-

partijiet. L-appell hu limitat biss ghar-raba' aggravju quddiem il-Qorti tal-Appell kif precedentement presedut rigward il-likwidazzjoni tad-danni. Il-Qorti tal-Appell qalet hekk a rigward:

> Is-socjetà appellanta qalet li t-Tribunal ma spjegax b'liema mod wasal ghal-likwidazzjoni tal-kumpens li ghandu jithallas lill-appellat, partikolarment meta wiehed iqis li dan ilu numru ta' snin li lahaq l-età pensjonabbli. L-appellat sostna li t-Tribunal qies diversi cirkostanzi biex wasal ghal-likwidazzjoni tal-kumpens, u l-kumpens li gie deciz li ghandu jithallas lilu jikkombacja mat-tmintax-il xahar salarju li huwa tilef kemm ilu li tkecca mill-impjieg.
>
> Din il-Qorti permezz tas-sentenzi taghha kemm-il darba sostniet li d-decizjonijiet tat-Tribunal ghandhom ikunu mmotivati, u li dan ghandu jispjega b'mod car fuq liema bazi huwa jsejjes il-likwidazzjoni tal-kumpens li ghandu jithallas. L-artikolu 81(2) tal-Kap. 452 jispecifika illi:
> "Meta, fuq ilment maghmul skont l-artikolu 75, it-Tribunal isib li r-ragunijiet ghall-ilment ikunu bbazati tajjeb –
> (a) F'kaz ta' tkeccija minghajr kawza gusta, jekk ma jkunx hemm talba specifika biex jerga' jidhol fl-impjieg jew biex jerga' jigi impjegat, jew it-Tribunal jiddeciedi li ma ghandux jaghmel ordni biex jerga' jidhol fl-impieg jew jerga' jigi impjegat kif intqal qabel, it-Tribunal ghandu jaghti sentenza ta' kumpens, li ghandha tithallas mill-principal lil min jaghmel l-ilment, rigward it-tkeccija. Izda meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal ghandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-haddiem li jkun gie mkecci minghajr kawza gusta kif ukoll cirkostanzi ohra, inkluzi l-età u s-snajja' tal-haddiem li jistghu jaffettwaw il-potenzjal tal-impjieg ta' dak il-haddiem."
>
> Il-Qorti hawn taghmel riferiment ghal dak li ntqal minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Publius Davison vs. De La Rue Currency and Security Print Limited**, moghtija fit-23 ta' April 2018, fejn inghad:
> "... Ir-rikorrent tkecca ingustament u ghandu jedd li jircievi kumpens li jkun jirrifletti t-telf li sofra b'konsegwenza tad-decizjoni hazina li ha l-principal. Il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghalfejn kazijiet ta' tkeccija ingusta ghandhom jigu ttrattati b'mod differenti minn kazijiet ohrajn fejn l-attur ikollu l-jedd jippretendi d-danni. Il-ligi hi cara dwar dak li t-Tribunal ghandu jikkunsidra meta jillikwida l-kumpens u meta t-Tribunal ikun qieghed jezercita d-diskrezzjoni ghandu jispjega b'mod car u li jiftiehem kif u ghalfejn ikun illikwida s-somma li jikkundanna lill-principal ihallas. Id-diskrezzjoni ma jfissirx li t-Tribunal jista' jaqbad u jillikwida ammont li jkun. Fejn ikun hemm prova li l-impjegat ikun sofra d-danni, allura ghandu jedd jippretendi t-telf li jkun sofra.
> Ovvjament min-naha l-ohra t-Tribunal ghandu wkoll jiehu in konsiderazzjoni cirkostanzi bhad-danni tal-impjegat li jimmitiga t-telf u kontributorjetà fil-kondotta li tkun wasslet ghat-tkeccija. Hawn tidhol id-diskrezzjoni. Hu fatt li t-Tribunal ghandu d-diskrezzjoni però din trid tkun ezercitata b'mod ragonevoli u li taghmel sens fic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz u d-decizjoni tkun motivata."

> Din il-Qorti tqis it-Tribunal naqas milli jispjega fid-dettall ghal liema ragunijiet kien qieghed jillikwida l-kumpens li ghandu jithallas lill-appellat bil-mod kif gie likwidat. In vista ta' dan in-nuqqas, il-Qorti sejra tordna li l-atti ta' dan il-kaz ghandhom jintbaghtu lura quddiem it-Tribunal Industrijali, sabiex fi zmien ghaxart ijiem minn din id-decizjoni, dan jaghti motivazzjoni dettaljata tas-somma likwidata bhala kumpens, u dan ghall-finijiet ta' trasparenza u sabiex il-partijiet kollha fil-kawza jkunu mgharrfa ezattament b'liema mod gie kkomputat l-imsemmi kumpens.
>
> Decide
> Ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tiddeciedi dwar l-appell tas-socjetà appellanta billi tichad l-ewwel tliet aggravji sollevati minnha, tilqa' r-raba' aggravju, u tordna li l-atti tal-kaz jintbaghtu lura quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex fi zmien ghaxart (10) ijiem minn din id-decizjoni, jaghti motivazzjoni ezatta u dettaljata tal-mod kif gie likwidat il-kumpens minnu.
> L-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jithallsu kwantu ghal kwart mill-appellat, u kwantu ghal tliet kwarti mis-socjetà appellanta.

Din il-Qorti kif preseduta hassret din il-parti tas-sentenza u qalet hekk:

> Ghandu ragun r-ritrattand jghid li hemm kontradizzjoni bejn dak mitlub, dak milqugh u r-rimedju moghti. Jekk intlaqa' l-aggravju, fejn kien car li l-aggravju kien ghar-revoka jew modifika tal-kumpens ma setghetx il-Qorti tal-Appell tibghat l-atti lura lit-Tribunal ghal kjarifika dwar kif wasal ghall-ammont bla ebda riserva dwar x'ser jigri wara. Il-kjarifika fiha nfisha ma hallitx l-aggravju impregudikat imma tista' tinftiehem li l-kumpens bhala ammont jikkostitwixxi gudikat u ghal fini tal-artikolu 81(2) tal-Kap. 452 it-Tribunal kellu biss jikkjarifika kif wasal ghal dan l-ammont.
>
> La darba pero l-Qorti tal-Appell jidher li laqghet l-aggravju tal-appellant quddiemha mil-mod kif ikkunsidrat l-aggravju hu car li hemm zball u kontradizzjoni bejn dak deciz u r-rimedju moghti fil-parti dizpozittiva tas-sentenza. Ir-rimedju ordnat effettivament gab fix-xejn dak deciz mill-istess Qorti meta laqghet l-aggravju tar-ritrattand bla riserva jew kondizzjoni u halliet lir-ritrattand bla ebda rimedju effettiv. Il-konflitt mhux wiehed apparenti izda reali u ghalhekk l-aggravju jisthoqqlu jigi milqugh.

Id-difensuri tal-partijiet trattaw l-appell fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2023 mentri fl-14 ta' Marzu 2023 l-appellat ipprezenta kopja legali ta' sentenza tat-Tribunal Industrijali tal-20 ta' Lulju 2022 wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' Lulju 2022 fejn ta spjegazzjoni kif it-Tribunal wasal ghal kumpens likwidat ta' €18,520. It-Tribunal spjega hekk:

> It-Tribunal ikkonsidra li r-rikorrent kellu l-possibilità reali li jkompli jaħdem fl-istess xogħol tal-anqas għal 15.8-il xahar oħra. Il-kumpens dovut jinħadem kif segwenti;
> Rata ta' ħlas dovuta għas-Security Officers li jaħdmu f'entitajiet Governattivi fis-sena 2020 kienet €6.69 għal kull siegħa xogħol filwaqt li fis-sena 2021 ir-rata kienet €6.88 għal kull siegħa xogħol.
> Ir-rikorrent is-Sur Mario Farrugia kien terminat fit-30 ta' Jannar, 2020 għalhekk is-Sur Farrugia seta' jaħdem 11-il xahar oħra fis-sena 2020 bir-rata ta' €6.69 għal kull siegħa xogħol u 4.8 xhur oħra fis-sena 2021 bir-rata ta' €6.88 għal kull siegħa xogħol.
> Għalhekk ir-rata:

| | |
|---|---|
| għas-sena 2020 ta' €6.69 x 173 sigħat xogħol x 11-il xahar | €12731.07 |
| għas-sena 2021 ta' €6.88 x 173 sigħat xogħol x 4.8 xhur | €5713.15 |
| kumpens nominali għall-ħsara tar-reputazzjoni | €75.78 |
| Kumpens total | €18,520.00 |

Is-socjeta appellanti permezz tad-difensur taghha issostni li l-kumpens inhadem biex jiggustifika l-ammont moghti, billi ma hemmx spjegazzjoni ghaliex it-Tribunal qies li l-appellat kien ser jahdem ghal 15.8 xhur ohra u kumpens nominali ta' €75.78. Zied li l-appellat kellu 69 sena. L-appellat permezz tad-difensur tieghu irrisponda li l-kumpens inhadem fuq il-potenzjal lavorattiv tal-appellat, u kien l-aqwa security officer kif ikkonfermat l-istess socjeta appellanti, u billi tkecca fuq passi dixxiplinari li ma kienux gusti, b'dan id-dell ma kienx probabbli li ser jerga' jsib impjieg.

Il-Qorti tirreleva illi l-artikolu 81(2) tal-Kap. 452 jistabilixxi dan rigward kumpens ghal tkeccija ingusta:

> (a) F'kaz ta' tkeccija minghajr kawza gusta, jekk ma jkunx hemm talba specifika biex jerga' jidhol fl-impjieg jew biex jerga' jigi impjegat, jew it-Tribunal jiddeciedi li ma ghandux jaghmel ordni biex jerga' jidhol fl-impieg jew jerga' jigi impjegat kif intqal qabel, it-Tribunal ghandu jaghti sentenza ta' kumpens, li ghandha tithallas mill-principal lil min jaghmel l-ilment, rigward it-tkeccija. Izda meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal ghandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-haddiem li jkun gie mkecci minghajr kawza gusta kif ukoll cirkostanzi ohra, inkluzi l-età u s-snajja' tal-haddiem li jistghu jaffettwaw il-potenzjal tal-impjieg ta' dak il-haddiem."

Kwindi t-Tribunal kellu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-haddiem imkecci bla kawza gusta. Kellhom wkoll jittiehdu cirkostanzi ohra bhal eta u s-sengha li jistghu jaffettwaw il-potenzjal tal-impjieg.

Hemm element ta' diskrezzjoni fil-komputazzjoni tad-danni kif jidher mill-artikolu citat pero tali diskrezzjoni trid tintuza b'mod ragonevoli u proporzjonali ghac-cirkostanzi tal-kaz u f'kull kaz tinghata spejegazzjoni motivata ghall-ammont likwidat.

It-Tribunal wasal ghal telf ta' qliegh ta' 15.8 xhur. Ma saret ebda spjegazzjoni kif gie mahdum dan il-perjodu biex jiggustifika l-kumpens. Ghandu ragun l-appellant jghid li din is-somma inhadmet b'dan il-mod biex tiggustifika s-somma globali akkordata fl-ewwel sentenza tat-Tribunal.

Madankollu l-Qorti taqbel illi jrid jittiehed kont li l-appellat kien ghadu qed jahdem bla xkiel sa ma tkecca u ma saret ebda prova li kien ser jirtira jew mhux kapaci aktar ghax-xoghol. Hu minnu wkoll li meta tkecca f'Jannar 2020 kellu 69 sena u kwindi mhux probabbli li kien ser jahdem wisq aktar wara li jaghlaq is-70 sena. Daqstant iehor hu zgur li fiz-zmien tal-proceduri quddiem it-Tribunal, l-appellat ma kienx ser isib impjieg iehor b'dak id-dell ikrah fuqu. Ghalhekk il-Qorti tqis li kumpens xieraq kien ikun hdax-il xahar telf ta' xoghol cioe sakemm taghlaq is-sena li fih tkecca u fejn l-appellat ikun qorob is-70 sena. Kwindi kumpens ta' €12,731.07 li ghad-dritt ghandhom jsiru €13,000 ghandu jsarraf f'kumpens adegwat bhala danni sofferti.

**Decide**

Ghal ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi ghal kull buon fini terga' tikkonferma c-cahda tal-ewwel tlett aggravji tas-socjeta appellanti, u tilqa' r-raba' aggravju fis-sens illi tirriforma l-quantum tad-danni dovuti lill-appellat mis-socjeta appellanti fl-ammont ta' €13,000 (tlettax-il elf euro). L-ispejjez tal-appell jibqghu kif decizi cioe kwart ghall-appellat u tlett kwarti ghas-socjeta appellanti.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur